

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 164 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

20 ta' Ġunju 2022

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/949 tal-20 ta' Ġunju 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.....** 1

### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2022/950 tal-20 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PEŠK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom .....** 4

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/949

tal-20 ta' Ġunju 2022

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 tal-20 ta' Settembru 2016 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/1686.
- (2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa ta' ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, jenħtieġ li jinżiedu tliet persuni u grupp wieħed fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/1686.
- (3) Għalhekk ir-Regolament (UE) 2016/1686 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/1686 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---

## ANNEX

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/1686 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jinżiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi msemija fl-Artikolu 3":

- “12. Sidan Ag HITTA (magħruf ukoll bħala Asidan Ag Hitta, Abu 'Abd al-Hakim, Abu Abdelhakim al-Kidali, Abu Qarwani, Al Qairawani, Abou Abdel Hamid Al Kidali); data tat-twelid: 1976; post tat-twelid: Kidal, il-Mali; sess: raġel; nazzjonalità: Maljana.
13. Salem ould BREIHMATT (magħruf ukoll bħala OULD ABED Cheikh ould Mohamed Salec, Abu Hamza al-Shanqiti, Abu Hamza al-Shinqiti, Hamza al-Mauritani, NITRIK Hamza, Abu Hamza al-Chinguetti); data tat-twelid: 1978 jew 1984 ; post tat-twelid: il-Mauritania; sess: raġel; nazzjonalità: Mauritanjana.
14. Jafar DICKO (magħruf ukoll bħala Jaffar Dicko, Abdoul Salam Dicko, Amadou Boucary, Amadou Boucary Dicko); data tat-twelid: (maħsub li hi) l-1980; sess: raġel; nazzjonalità: Burkinjana.”;

(2) L-entrata li ġejja tinżied taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemija fl-Artikolu 3":

- “4. Ansarul Islam (magħruf ukoll bhala Ansar al-Islam, Ansarour Islam, Ansaroul Islam, Defenders of Islam, Ansar-ul-islam lil-ichad wal jihad, IRSAD, Ansar ul Islam of Malam Boureima Dicko).”.

---

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/950

tal-20 ta' Ġunju 2022

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 <sup>(1)</sup>.
- (2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa mill-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u minn persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom, tliet persuni u grupp wieħed jenħtieġ li jinżiedu mal-lista ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693.
- (3) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25).

## ANNEX

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jinżiedu taħt l-intestatura "A. Persuni msemija fl-Artikoli 2 u 3":

12. Sidan Ag HITTA (magħruf ukoll bħala Asidan Ag Hitta, Abu 'Abd al-Hakim, Abu Abdelhakim al-Kidali, Abu Qarwani, Al Qairawani, Abou Abdel Hamid Al Kidali); data tat-twelid: 1976; post tat-twelid: Kidal, il-Mali; sess: raġel; nazzjonalità: Maljana.
13. Salem ould BREIHMATT (magħruf ukoll bħala OULD ABED Cheikh ould Mohamed Salec, Abu Hamza al-Shanqiti, Abu Hamza al-Shinqiti, Hamza al-Mauritani, NITRIK Hamza, Abu Hamza al-Chinguetti); data tat-twelid: 1978 jew 1984; post tat-twelid: il-Mauritania; sess: raġel; nazzjonalità: Mauritanjana.
14. Jafar DICKO (magħruf ukoll bħala Jaffar Dicko, Abdoul Salam Dicko, Amadou Boucary, Amadou Boucary Dicko); data tat-twelid: (maħsub li hi) l-1980; sess: raġel; nazzjonalità: Burkinjana.”;

(2) L-entrata li ġejja tinżied taħt l-intestatura "B. Gruppi, impriżi u entitajiet imsemija fl-Artikolu 3":

4. Ansarul Islam (magħruf ukoll bhala Ansar al-Islam, Ansarour Islam, Ansaroul Islam, Defenders of Islam, Ansar-ul-islam lil-ichad wal jihad, IRSAD, Ansar ul Islam of Malam Boureima Dicko).”.
-





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)